**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 237/12VG**

**XXX**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**Illum 2 ta' Mejju 2016**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat mis-socjetà XXX fis-6 ta' Gunju 2011 quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, in segwitu trasferit quddiem dan it-Tribunal, permezz ta' liema titlob li l-penali amministrattiva ammontanti ghal €4,039.70 imposta fuqha mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud tigi revokata in kwantu hija ma ghamlet l-ebda dikjarazzjoni biz-zejjed ta' Input tax fil-perijodu ta' taxxa 01.12.2008-28.02.09;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors tas-socjetà XXX;

Ra r-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) già Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, permezz ta' liema jopponi ghat-talba tas-socjetà Rikorrenti u jitlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra taghha, stante li gew imposti penali amministrattiva w imghax fuq is-socjetà Rikorrenti ghaliex waqt ir-Review ta' l-istima mahruga kontra l-imsemmija socjetà ghall-perijodu ta' taxxa 01.12.08-28.2.09 irrizulta li hija ghamlet dikjarazzjoni biz-zejjed ta' l-Input tax. B'hekk il-penali amministrattiva nharget fil-konfront tas-socjetà Rikorrenti ai termini tal-Ligi, senjatament l-Artikolu 37(1) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghaldaqstant ghandha tigi ikkonfermata peress li hija legalment dovuta;

Ra li fir-Risposta tieghu d-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) talab korrezzjoni fl-okkju tal-kawza u kull fejn mehtieg fl-atti tal-proceduri stante li

a tenur ta' l-Att XXII ta' l-2011 it-titolu Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud inbidel ghal Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud);

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) markati Dok. "A" sa' Dok. "G1" a fol. 17 sa' 30 tal-process;

Sema' x-xhieda ta' Joseph Pandolfino in rapprezentanza tas-socjetà Rikorrenti moghtija waqt is-seduta tat-2 ta' Ottubru 2012[1] u x-xhieda ta' Denise Said[2] u ta' Chris Spiteri[3], entrambe in rapprezentanza tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Dicembru 2012 u ra d-dokumenti esebiti mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) markati bhala Dok. "RS1" sa' Dok. "RS3" permezz ta' Nota pprezentata fil-11 ta' Dicembru 2012 a fol. 40 sa' 43 tal-process u d-dokumenti esebiti minn Denise Said markati Dok. "DS1" sa' Dok. "DS4" a fol. 44 sa' 51 tal-process, sema' x-xhieda ta' Adrian Bonello moghtija waqt is-seduti tal-11 ta' Dicembru 2012[4] u tas-16 ta' Lulju 2013[5] u ra d-dokumenti esebiti mis-socjetà Rikorrenti markati Dok. "DV1" sa' Dok. "DV4" ipprezentati permezz ta' Nota ipprezentata fis-16 ta' Lulju 2013 a fol. 70 sa' 113 tal-process;

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà Rikorrenti tikkontesta d-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, notifikata lilha b'ittra datata 27 ta' Mejju 2011[6], li jichad it-talba taghha ghar-revoka tal-penali amministrattiva fl-ammont ta' €4,039.70 imposta fuqha. Hija tikkontendi li ghalkemm originarjament tali penali amministrattiva giet imposta fuqha ghaliex il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma kienx qed jaccetta u jirrikonoxxi Input tax mitluba minnha fl-ammont ta' €20,198.49 ghall-perijodu ta' taxxa 01.12.08 - 28.2.09, tant illi nharget stima provvisorja fil-konfront taghha, tul il-perkors ta' kontestazzjoni ta' tali stima provvisorja l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud gie li rrikonoxxa w accetta a favur is-socjetà Rikorrenti Input tax fl-ammont ta' €20,043.65, b'dana li l-ammont li baqa' kontestat bejniethom, u dana principlament ghaliex hi stess ma ghafsitx wisq fuqu, kien ta' €154.84. B'hekk, tikkontendi li kuntrarjament ghal dak affermat mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, hija ma ghamlitx dikjarazzjoni biz-zejjed ta' Input tax tul il-perijodu ta' taxxa 01.12.08-28.2.09.

[1] Fol. 34 sa' 37 tal-process.
[2] Fol. 52 sa'57 tal-process.
[3] Fol. 58 sa' 63 tal-process.
[4] Fol. 64 u 65 tal-process.
[5] Fol. 114 sa' 116 tal-process.
[6] Dok. "G" a fol. 29 tal-process.

Id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jikkontesta t-talba tas-socjetà Rikorrenti u jitlob li l-istess tigi michuda u l-penali amministrattiva fl-ammont ta' €4,039.70 tigi kkonfermata stante li gew imposti penali amministrattiva w imghax fuq is-socjetà Rikorrenti ghaliex waqt ir-Review ta' l-istima mahruga kontra l-imsemmija socjetà ghall-perijodu ta' taxxa 01.12.08-28.2.09 irrizulta li hija ghamlet dikjarazzjoni biz-zejjed ta' l-Input tax. B'hekk il-penali amministrattiva nharget fil-konfront tas-socjetà Rikorrenti ai termini tal-Ligi, senjatament l-Artikolu 37(1) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghaldaqstant ghandha tigi ikkonfermata peress li hija legalment dovuta.

Id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jissottometti wkoll li *t-titolu ta' Kummissarju dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud illum inbidel ghal Direttur Generali, Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att XXII ta' l-2011* u ghaldaqstant jitlob li ssir id-debita korrezzjoni fl-okkju tal-kawza u kull fejn mehtieg fl-Atti.

Fir-rigward ta' din it-talba partikolari tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jirrizulta li bhala fatt a tenur ta' l-Artikolu 3 ta' l-Att XXII ta' l-2011[7], li dahal fis-sehh fil-20 ta' Jannar 2012 bis-sahha ta' l-Avviz Legali 16 ta' l-2012, *ghandu jkun hemm Kummissarju tat-Taxxi li jkun il-kap tad-dipartimenti tat-taxxa u li jkun mahtur mill-Prim' Ministru. Il-Kummissarju ghandu jkun responsabbli lejn il-Ministru peremzz tas-Segretarju Permanenti u, bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, ghandu jwettaq il-funzjonijiet moghtija lilu taht is-subartikoli (3) u (6) skond l-ordni legittima taghhom. Mad-dhul fis-sehh ta' dan l-Att u minkejja kull ligi ohra, il-funzjonijiet kollha vestiti fil-Kummissarju tat-Taxxi Interni, fil-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u fil-Kontrollur tad-Dwana taht l-atti tat-taxxa ghandhom jigu trasferiti lill-Kummissarju jigu ezercitati minnu. Il-Kummissarju jista', bi qbil bil-miktub tal-Ministru, jiddelega kull funzjoni taht dan l-Att jew taht l-atti tat-taxxa li kull ufficjal tad-dipartiment tat-taxxa. Kull delega maghmula taht dan is-subartikolu ghandha tigi pubblikata mill-Ministru b'ordni fil-Gazzetta…*

B' Ordni ta' Delega ta' Funzjonijiet relattiv ghall-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi, Kap. 517 tal-Ligijiet ta' Malta, ippublikat fil-harga tal-Gazzetta ta-Gvern ta' l-20 ta' Lulju 2012, gie provdut illi *skond is-setghat moghtija mis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi, il-Kummissarju tat-Taxxi bi qbil tal-Ministru responsabbli ghal finanzi, … (b) id-drittijiet taht l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, l-Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni u kull regolament maghmul tahthom, ghandhom ikunu vestiti fl-uccijal li minn zmien ghal zmien jokkupa l-kariga ta' Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud). … Din l-Ordni u d-delegi maghmula tahtha ghandhom isehhu mill-20 ta' Jannar 2012.*

[7] Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi, Kap.517 tal-Ligijiet ta' Malta.

In segwitu ghal din l-Ordni ta' Delega l-Kap.517 tal-Ligijiet ta' Malta gie emendat bis-sahha ta' l-Att XXIII ta' l-2014 u gie introdott is-segwenti subparagrafu fl-Artikolu 3(4) ta' l-Att – *il-Kummissarju jista', f'kull zmien, bi qbil mill-Ministru, jiehu lura dawk il-funzjonijiet kollha, jew uhud minnhom, li jkunu gew delegati taht is-subartikolu. Avviz dwar it-tehid lura ta' funzjonijiet ghandu jigi pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern.* Bhala fatt b'Ordni ta' Assunzjoni mill-Gdid ta' Funzjonijiet ippubblikat fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Awwissu 2014, il-Kummissarju tat-Taxxi ha lura d-drittijiet, dmirijiet, setghat u funzjonijiet kollha li huma vestiti, fost ohrajn, fl-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u dana b'effett mis-27 ta' Gunju 2014, u *mill-imsemmija data, id-delega ta' drittijiet, dmirijiet, setghat u funzjonijiet vestiti taht l-Atti u r-regolamenti fuq imsemmija* [fosthom l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud] *li saret bin-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 711 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern data 3 ta' Lulju 2012 u bin-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 766 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern datata 20 ta' Lulju 2012 qieghda tigi mhassra minghajr pregudizzju ghall-kontinwazzjoni ta' l-effett ta' l-imsemmija Notifikazzjonijiet tal-Gvern ghal dak li ghandu x'jaqsam mad-delega ta' drittijiet, dmirijiet, setghat u funzjonijiet vestiti taht l-Ordinanza tad-Dwana, l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni, l-Att dwar Dazju tas-Sisa, u kull regolament maghmul tahthom u minghajr pregudizzju ghall-validità ta' dak li sar bis-sahha tal-istess Notifikazzjonijiet tal-Gvern qabel id-data effettiva ta' din l-Ordni.*

Bhala fatt ghalhekk **illum** l-intimat fil-proceduri odjerni proprjament huwa l-Kummissarju tat-Taxxi u mhux tant id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) jew il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Madanakollu però in verità ma hija mehtiega l-ebda korrezzjoni fl-atti ta' dawn il-proceduri u dan ghar-raguni li ai termini tar-Regolamenti dwar l-Ekwivalenza ta' Certi Referenzi ghall-Karigi Fid-Dipartiment tat-Taxxa, Legislazzjoni Sussidjarja 517.01, senjatament ai termini tar-Regolament 2 u l-Iskeda ta' l-imsemmija Regolamenti, il-kliem "Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" u "Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mijzud)" ghandhom l-istess tifsira u effetti legali bhall-kliem "Kummissarju tat-Taxxi".

Ghaldaqstant, it-Tribunal iqis li ma ghandux ghalfejn jinoltra ruhu ulterjorment f'din il-kwistjoni u ghandu jastejni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ghall-korrezzjoni fl-okkju tal-kawza u kull fejn mehtieg fl-atti ta' dawn il-proceduri.

Trattata din il-kwistjoni jehtieg issa li tigi trattata fil-meritu t-talba tas-socjetà Rikorrenti ghar-revoka tal-penali amministrattiva fl-ammont ta' €4,036.70 imposta fuqha.

Mill-atti processwali u mill-provi prodotti jirrizulta li fil-bidu tas-sena 2010 kien inbeda da parte tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ezercizzju ta' spezzjoni ta' Kotba tax-Xiri tas-socjetà Rikorrenti, liema ezercizzju kien

ikopri l-perijodu ta' taxxa 01.12.08-28.02.09[8]. Una volta konkluz dana l-ezercizzju l-Ispettur tal-VAT Denise Said fost affarijiet ohra kkonkludiet illi: *Purchase Analysis: … several invoices were randomly checked. They were found correct and related to the economic activity. However, the following irregularities were encountered:* ***<u>01/12/2008-28/02/2009</u>*** *- 12/12/2008 Burmarrad Commercials* ***<u>7,128.00</u>*** *(Capital) Invoice issued to Island Petroleum Services Ltd. Wrong VAT No. quoted on Invoice – 1614-9018; 12/19/2008 George Zahra 1,102.00 Invoice not produced; 12/19/2008 George Zahra 11,022.00 Invoice not produced; 12/31/2008 Cassar Ship Repair Ltd. 791.65 Invoice dated 15/11/2007; 2/12/2009 Eric Abela 154.84 Invoice not produced* ***13,070.49*** *(Serv. & Over). … In these circumstances, Provisional Assessment should be issued and file is being referred for further instructions on how to proceed with the above findings*[9].

Bhala fatt fl-1 ta' Settembru 2010 inharget stima provvizorja fil-konfront tas-socjetà Rikorrenti ghall-perijodu ta' taxxa 01.12.08-28.02.09 fejn gie determinat il-valur ta' €20,198.49 bhala taxxa u s-somma ta' €4,039.70 bhala penali amminsitrattiva w imghax ta' 1%/0.75% fix-xahar[10]. B' ittra datata 1 ta' Settembru 2010 is-socjetà Rikorrenti giet infurmata li l-istima provvizorja in kwistjoni kienet qed tinhareg fil-konfront taghha ghaliex: *<u>01/12/2008-28/02/2009</u> - 12/12/2008 Burmarrad Commercials 7,128.00 Invoice issued to Island Petroleum Services Ltd. Wrong VAT No. quoted on Invoice – 1614-9018; 12/19/2008 George Zahra 1,102.00 Invoice not produced; 12/19/2008 George Zahra 11,022.00 Invoice not produced; 12/31/2008 Cassar Ship Repair Ltd. 791.65 Invoice dated 15/11/2007; 2/12/2009 Eric Abela 154.84 Invoice not produced*[11].

Is-socjetà Rikorrenti talbet *Review* ta' l-istima provvizorja w in segwitu ghal tali process ir-*Review Officer* Chris Spiteri ikkonstata u kkonkluda s-segwenti: *all documents have been presented during review stage as per reds 110 and 111 as follows: a)* ***Burmarrad Commercial VAT €7,128.00*** *– Invoice 98314 dated 26/09/2008 has been presented. Moreover, Island Petroleum Services account has been verified and resulted in no claims (reds 110A-C); b)* ***G&M Zahra VAT €12,124.86*** *– Invoices 112 and 113 dated 21/10/2008 have been presented (reds 111B and 111C). These complied with the 12th Schedule. However an audit trail is being recommended to ensure that invoices had been declared by supplier. With respect to the objection against the penalties and interest, this shall be treated with the objections section, after assessments are served. In view of the above it is also being recommended that adjustments will be carried out as per table 1 below. The recommended adjustments should be made after it is made certain that the same invoices had not been already claimed. No adjustments shall be made with respect to the purchase invoice from Eric Abela.*

---

8 Ittra datata 19 ta' Jannar 2010, Dok. "B" fol. 18 tal-process.
9 Dok. "C" a fol. 20 u 21 tal-process.
10 Dok. "D1" a fol. 23 tal-process.
11 Dok. "D" a fol. 22 tal-process.

*Table 1*

| *Supplier* | | *Shift* | *VAT* |
|---|---|---|---|
| | *From* | *To* | *€* |
| *Burmarrad Commercials* | *01/12/2008-28/09/2009* | *01/09/2008-30/11/2008* | *7,128.00* |
| *George Zahra* | *01/12/2008-28/02/2009* | *01/09/2008-30/11/2008* | *12,124.00* |
| *Cassar Ship Repair* | *01/12/2008-28/02/2009* | *01/09/2007-30/11/2007* | *795.65* |

*File referred for approval.*[12]

In segwitu ghal dan ir-Rapport id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud irrikonoxxa w accetta a favur is-socjetà Rikorrenti Input tax fl-ammont globali ta' €20,043.65 izda halla l-penali amministrattiva ammontanti ghal €4,039.70[13]. B'ittra datata 11 ta' Mejju 2011 is-socjetà Rikorrenti talbet lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud sabiex jirrevoka l-penali amministrattiva imposta fuqha u dana a bazi ta' l-aggravju li *the missing documents were sent to the VAT office on the 11th March 2010. In addition we would like to highlight that €20,043.65 (out of €20,198.49 initially rejected) have been accepted by your Department leaving just €154.84 as unaccepted). Our understanding of the situation was that the penalty for €4,039.70 would automatically be reversed given that all the required documentation were forwarded by us; however we cannot trace a reversal of this amount in your statement dated 16th March 2011*[14]. B'ittra datata 27 ta' Mejju 2011 il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud gharraf lis-socjetà Rikorrenti li t-talba taghha ghar-revoka tal-penali amministrattiva kienet qed tigi michuda in quanto *the Administrative penalty incurred in period 01.12.2008-28.02.2009 has been charged as pert Article 37(1) of the VAT Act 1999 because in this period there was an over declaration of Input VAT. Hence the Department does not consider your reason to waive off the penalty as valid*[15].

Kif già iktar 'l fuq osservat is-socjetà Rikorrenti tikkontesta d-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghaliex skontha ma ghamlitx dikjarazzjoni biz-zejjed ta' Input tax fil-perijodu ta' taxxa 1.12.08-28.02.09 in kwantu l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud gie li rrikonoxxa w

[12] Dok. "E" a fol. 25 tal-process.
[13] Dok. "$F_1$" a fol. 27 tal-process.
[14] Ittra annessa mar-Rikors promotur.
[15] Dok. "G" a fol. 29 tal-process.

accetta a favur taghha Input tax fl-ammont ta' €20,043.65 minn ammont ikbar ta' €20,198.49 – b'dana li d-differenza hija biss ta' €154.84 – minnha mitluba tul il-perijodu ta' taxxa in kwistjoni. Il-posizzjoni tas-socjetà Rikorrenti giet sostnuta minn Joseph Pandolfino, CEO tas-socjetà, fix-xhieda li ta waqt is-seduta tat-2 ta' Ottubru 2012[16]. Mix-xhieda ta' Chris Spiteri, Review Officer fi hdan id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, però jirrizulta li ghalkemm l-imsemmi ammont ta' €20,043.65 gie rikonoxxut u accettat mid-Dipartiment bhala Input tax a favur is-socjetà Rikorrenti, u dana wara li fl-istadju tar-Review is-socjetà issottomettiet dokumentazzjoni, ossia fatturi ta' taxxa, li kienu accettabbli ghad-Dipartiment, dan l-ammont biex gie hekk accettat u rikonoxxut a favur is-socjetà Rikorrenti kellu jigi allokat fil-perijodi ta' taxxa rilevanti u mhux fil-perijodu ta' taxxa fejn originarjament kien mitlub mis-socjetà Rikorrenti – ossia fil-perijodu ta' taxxa 01.12.08-28.02.09 – bil-konsegwenza ghalhekk li skattat il-penali amministrattiva.

F'tali rigward fix-xhieda li ta waqt is-seduta tal-11 ta' Dicembru 2012[17] Chris Spiteri ddikjara: *fir-review tkellimt ma' Mr. Alex Piscopo, il-Financial Controller, fejn dan pprezenta l-invoices in question li ma kienux konformi waqt l-investigazzjoni. Irrizulta li erba' invoices kienu korretti u min-naha taghna gew accettati, ghalkemm ma kienux korretti fejn dahlu fil-perijodu ta' taxxa, allura ahna kellna nishiftjawhom fil-perijodu korrett taghhom kif titlob il-Ligi.* Huwa in oltre ddikjara li din l-allokazzjoni ta' l-Input tax mitluba mis-socjetà Rikorrenti kellha ssir *ex officio* mid-Dipartiment u mhux permezz ta' aggustament da parte tas-socjetà Rikorrenti stess ghaliex fir-rigward ta' tlett ammonti minnhom dawn kienu jeccedu l-limitu ta' 5% previst fil-Ligi u fil-kaz ta' l-ammont relatat ma' Cassar Ship Repair kien jaqbez il-perijodu ta' sitt xhur previst fil-Ligi.

Ghall-fini ta' kjarezza t-Tribunal josserva li l-elementi li jaghmel referenza ghalihom Chris Spiteri fix-xhieda tieghu in kwantu rigwarda aggustament ta' denunzja tat-taxxa da parte ta' *taxpayer* jirrizultaw mill-Artikolu 4(1) u (2) tal-Hdax-il Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi: *meta persuna registrata taht l-artikolu 10, f'denunzja ghal zmien ta' taxxa maghmula lill-Kummissarju – (a) tiddikjara output tax biz-zejjed jew bin-nieqes u dak iz-zejjed jew in-nieqes ma jkunx ta' aktar minn hamsa fil-mija ta' l-output tax dikjarat f'dik id-denunzja u/jew (b) <u>tiddikjara l-kreditu ta' input tax biz-zejjed jew bin-nieqes u dak iz-zejjed jew in-nieqes ma jkunx ta' aktar minn hamsa fil-mija tal-kreditu ta' input tax dikjarat f'dik id-denunzja</u>[18], hija tkun tista' tikkoregi dak l-izball billi taghmel l-aggustamenti mehtiega fil-kont tat-taxxa fuq il-valur mizjud u fid-denunzja tat-taxxa ghaz-zmien tat-taxxa li matulu jkun gie skopert id-dikjarar biz-zejjed jew bin-nieqes. (2) Ma jista' jsir ebda aggustament skond il-paragrafu (1) ta' din il-partita <u>ghal zmien ta'</u>*

[16] Fol. 34 sa' 37 tal-process.
[17] Fol. 58 sa' 65 tal-process.
[18] Sottolinear tat-Tribunal.

*taxxa li jkun jibda aktar tard minn sitt xhur minn meta jintemm iz-zmien ta' taxxa li ghalih ikun jirreferi l-izball*[19].

In segwitu ghal din ix-xhieda l-kontestazzjoni principali tas-socjetà Rikorrenti hi li kien biss f'dan l-istadju, ossia fil-mori ta' dawn il-proceduri, li saret taf in-natura vera tal-penali amministrattiva imposta fuqha mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u in bazi ghal tali kontestazzjoni tissottometti li: (i) id-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud hija nulla ghaliex ladarba rrizulta li n-natura tal-penali amministrattiva imposta fuqha hija differenti min-natura tal-penali amministrattiva imposta fuqha bl-istima provvizorja ta' l-1 ta' Settembru 2010, il-Kummissarju kellu jikkancella dik l-istima provvizorja u johrog stima provvizorja gdida; (ii) fi kwalunkwe kaz l-penali amministrattiva qatt ma setghet tigi imposta fuqha ghaliex hija korrettament ghamlet aggustament tad-dikjarazzjoni taghha dwar l-Input tax kif provdut fil-Hdax-il Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta; (iii) id-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li *ex officio* jalloka l-ammonti pretizi bhala Input tax fil-perijodi ta' taxxa relattivi minghajr ma jidderiegi lis-socjetà Rikorrenti taghmel aggustament tad-denunzji taghha ai termini tal-Ligi, ma hijiex ragonevoli; u (iv) fi kwalunkwe kaz il-penali amministtrattiva imposta fuqha hija sproporzjonata in kwantu iggenerata b'kalkolu mekkaniku, liema metodu ta' generazzjoni ta' penali amministrattiva ma huwiex sanzjonat mill-Qorti Ewropea tal-Gustizzja[20].

It-Tribunal haseb fit-tul dwar is-sottomissjonijiet avvanzati mis-socjetà Rikorrenti izda jqis li l-ebda wahda minnhom ma hija gustifikata u b'hekk ma tirrizultax raguni valida li ghandha twassal ghar-revoka tal-penali amministrattiva ammontanti ghal €4,039.70 imposta fuqha.

In segwitu ghall-investigazzjoni jew ahjar ezercizzju ta' spezzjoni ta' Kotba tax-Xiri tas-socjetà Rikorrenti da parte tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud irrizulta li fil-perijodu ta' taxxa 01.12.08-28.02.09 l-istess socjetà Rikorrenti ghamlet talba ghal Input tax fejn mill-ammont globali mitlub l-ammont ta' €20,198.49 ma kienx sufficjentement ippruvat ai termini tal-Ligi in kwantu d-dokumentazzjoni pprovduta in sostenn ta' tali ammont ma setghetx titqies bhala fatturi ta' taxxa ai termini tat-Tnax-il Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fir-rigward tal-jedd ghall-kreditu ta' Input tax il-Ligi titkellem car. A tenur ta' l-Artikolu 22 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta l-Input tax ta' persuna taxxabbli hija t-taxxa li jkollha tithallas fuq provvisti maghmula lilha, akkwisti maghmula minnha u/jew importazzjonijiet maghmula minnha sal-limitu li l-provvisti hekk maghmula u/jew l-oggetti hekk akkwistati jew importati jintuzaw jew ikunu mahsuba li jintuzaw kollha kemm huma fil-kors jew avvanz ta' l-attività ekonomika taghha. Il-kreditu ghal Input tax ta' zmien ta' taxxa ta'

[19] Sottolinear tat-Tribunal.
[20] Sottomissjonijiet avvanzati mis-socjetà Rikorrenti waqt it-trattazzjoni orali.

persuna registrata taht l-Artikolu 10 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta huwa ammont li jkun daqsinsew ghall-Input tax ta' dik il-persuna li jkollu jithallas matul dak iz-zmien li huwa attriwibbli ghall-provvisti maghmula jew mahsuba li ghandhom jintghamlu minnha, li ghalihom japplika s-subartikolu (4) ta' l-imsemmi Artikolu 22 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta. A tenur tas-subartikolu (5) ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi *d-dritt ta' kreditu ta' Input tax, l-ammont ta' kreditu u l-mod li bih l-input tax hija attribwibbli ghall-provvisti huwa suggett ghall-kondizzjonijiet, limitazzjonijiet, revizjonijiet u aggustamenti mnizzla fl-Ghaxar Skeda.*

A tenur ta' l-Ghaxar Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, senjatament l-Artikolu 2(1) u (2) ta' l-istess: *(1) ma ghandu jitqies ebda ammont bhala input tax ta' persuna kemm-il darba dik il-persuna ma ggibx prova li dik it-taxxa kellha tithallas fuq il-provvisti ta' oggetti u servizzi jew akkwisti intra-Komunitarji jew fuq importazzjonijiet ta' oggetti li jkunu gew jew ser jigu uzati minnha fil-kors ta' l-avvanz ta' l-attività ekonomika taghha. (2) Hlief hekk kif il-Kummissarju jista' mod iehor jippermetti, ebda ammont ma ghandu jitqies bhala input tax ta' persuna kemm-il darba: (a) ma jkunx appoggat bi: (i) fattura ta' taxxa dwar it-taxxa li ghandha x'taqsam ma' l-oggetti jew servizzi provduti lilu; jew (ii) fattura ta' taxxa dwar it-taxxa li ghandha x'taqsam ma' l-oggetti miksuba minnu taht akkwist intra-Komunitarju; jew (iii) dokument ta' importazzjoni li jkun jindika lilha bhala importatur dwar it-taxxa fuq importazzjoni; u (b) dwar kull taxxa fuq xi provvista li skond dan l-Att ghandha tithallas minn dik il-persuna jew fuq akkwist intra-Komunitarju, tkun nizzlet dik it-taxxa bhala dovuta lilha fuq id-denunzja tat-taxxa taghha; u (c) id-dokument riferit fil-paragrafu (a) jkun mimzum minn dik il-persuna u jinghata, fuq talba, lill-Kummissarju; u (d) l-ammont ta' taxxa jkun inghata kont tieghu kif imiss fid-dokumentazzjoni mizmuma minn dik il-persuna sal-limitu mehtieg ghall-ghanijiet ta' l-Att.*

Ai termini ta' l-Artikoli 1 u 2 tat-Tnax-il Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta kif applikabbli fiz-zmien rilevanti ghall-kaz in ezami: *1. Salv hekk kif il-Kummissarju jista' jippermetti mod iehor, dokument ma jikkostitwix fattura ta' taxxa kemm-il darba l-partikolaritajiet kollha mehtiega b'din l-Iskeda ma jkunux tnizzlu kif imiss u fis-shuhija kollha taghhom. 2. Bla hsara ghad-disposizzjonijiet l-ohra ta' din l-Iskeda, fattura ta' taxxa ghandu jkun fiha dawn il-partikolaritajiet li gejjin: (a) id-data tal-hrug; (b) numru sekwenzjali, bazat fuq serje wahda jew aktar li unikament jidentifika l-fattura; (c) l-isem u l-indirizz ta' min jaghmel il-provvista u n-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa fuq il-valur mizjud li tahtu jkun ghamel dik il-provvista; (d) l-isem u l-indirizz tal-persuna li tkun irceviet il-provvista u numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa fuq il-valur mizjud li tahtu tkun akkwistat l-oggetti jew is-servizzi provduti lilha; (e) it-tip tal-provvista billi issir riferenza ghall-kategoriji elenkati fil-partita 3 ta' din l-Iskeda; (f) deskrizzjoni li tkun bizzejjed sabiex tidentifika l-kwantità u n-natura ta' l-oggetti jew il-limitu u n-natura tas-servizzi provduti; (g) id-data li fiha l-*

*provvista kienet maghmula jew mitmuma jew id-data li fiha sar hlas akkont tal-provvista sal-limitu li dik id-data tista' tigi stabbilita u tkun differenti mid-data tal-hrug tal-fattura; (h) il-valur taxxabbli skond ir-rata jew ezenzjoni, il-prezz jew ezenzjoni, il-prezz bil-wiehed eskluz mit-taxxa u kull skont jew rohs jekk dawn ma jkunux inkluzi fil-prezz bil-wiehed; (i) ir-rata ta' taxxa li ghandha tithallas, jekk ikun hemm, f'kull rata li hekk tithallas; (j) l-ammont totali tat-taxxa li ghandha tithallas, jekk ikun hemm.*

Meta d-dokumentazzjoni sottomessa mis-socjetà Rikorrenti lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjuda waqt l-investigazzjoni jew ahjar ezercizzju ta' spezzjoni ta' Kotba tax-Xiri taghha in sostenn tat-talba taghha ghall-Input tax pertinenti ghal Burmarrad Commercials u George Zahra tigi kkunsidrata fid-dawl ta' dawn il-provvedimenti tal-Ligi, huwa evidenti li l-Ispettur tal-VAT Denise Said qatt ma setghet taccettahom bhala prova valida ta' l-Input tax mitluba mis-socjetà Rikorrenti fid-denunzja ta' taxxa taghha ghall-perijodu ta' taxxa 01.12.08-28.02.09 u dana ghar-raguni semplici li l-istess ma kienux jikkostitwixxu fattura ta' taxxa ai termini tal-Ligi. Jirrizulta b'mod evidenti ukoll li d-dokumentazzjoni provduta kienet tindika provvisti/akkwisti maghmula tul perijodi ta' taxxa differenti w antecedenti ghall-perijodu ta' taxxa meta l-Input tax relattiva giet mitluba. Bl-istess mod anke fejn jirrigwarda l-ammont ta' Input tax relattiv ghal Cassar Ship Repaird Limited il-fattura ta' taxxa provduta kienet datata 15 ta' Novembru 2007, kwindi relattiva ghall-perijodu ta' taxxa differenti w antecedenti ferm ghall-perijodu ta' taxxa tul liema l-ammont in kwistjoni gie mitlub. Jigi precizat li l-fattura ta' taxxa relattiva ghall-Input tax mitluba vis-à-vis Eric Abela ma gietx provduta fl-istadju ta' investigazzjoni.

B'hekk huwa evidenti li l-kwistjonijiet centrali in bazi ghal liema inharget stima provvizorja fil-konfront tas-socjetà Rikorrenti in segwitu ghall-investigazzjoni fil-konfront taghha jew ahjar in segwitu ghall-ispezzjoni tal-Kotba tax-Xiri taghha, kienu **tnejn**: (i) l-ewwel wahda u naturalment l-iktar wahda rilevanti – anke minhabba l-ammont ta' taxxa involut, ben €19,406.84 – kienet in-nuqqas ta' prova in sostenn ta' l-Input tax mitluba ; u (ii) it-tieni wahda, fosri inqas prominenti ghaliex f'dak l-istadju kien hemm il-problema iktar fondamentali ta' nuqqas ta' prova ta' l-Input tax mitluba, il-fatt li l-provvisti/akkwisti in kwistjoni kienu jirreferu ghal perijodi ta' taxxa differenti w antecedenti ghall-perijodu ta' taxxa fejn l-Input tax in kwistjoni giet mitluba.

Meta waqt l-istadju tar-Review id-dokumentazzjoni opportuna vis-à-vis Burmarrad Commercials u George Zahra, jew ahjar G&M Zahra giet provduta – u hawnhekk jigi osservat li huwa inutili li s-socjetà Rikorrenti tipprova targumenta li d-dokumentazzjoni opportuna ai termini tal-Ligi giet minnha provduta waqt l-investigazzjoni ghaliex mill-provi jirrizulta bl-iktar mod car li il-fatturi ta' taxxa mehtiega gew prodotti fl-istadju tar-Review – giet risolta l-ikbar problema li kellha s-socjetà Rikorrenti vis-à-vis it-talba taghha ghall-Input tax, ghad illi l-kwistjoni rigward Eric Ablea baqghet irrisolta, **u** baqghet

biss il-kwistjoni tal-perijodi ta' taxxa relattivi ghall-provvisti/akkwisti in kwistjoni.

Din il-kwistjoni giet risolta bl-intervent *ex officio* tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud meta l-ammonti in kwistjoni gew allokati fil-perijodi ta' taxxa relattivi u rilevanti izda ciò nonostante baqghet iggorr maghha l-kwistjoni ta' l-imposizzjoni tal-penali amministrattiva. It-Tribunal appozitament juza l-verb **baqghet** ghaliex ghalkemm il-problema li kellha s-socjetà Rikorrenti kienet, biex jinghad hekk, *two-pronged,* ghall-finijiet ta' penali amministrattiva din effettivament kienet u baqghet tissarraf fi kwistjoni unika, u cioè li s-socjetà Rikorrenti ghamlet **dikjarazzjoni biz-zejjed tat-tnaqqis ghall-perijodu ta' taxxa 01. 12.08-28.02.09.** B'hekk kuntrarjament ghal dak pretiz mis-socjetà Rikorrenti d-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud f'li jibqa' jinsisti ghall-hlas tal-penali amministrattiva imposta fuqha ma hijiex nulla.

Is-socjetà Rikorrenti ulterjorment tissottometti li l-penali amministrattiva qatt ma setghet tigi imposta fuqha ghaliex hija korrettament ghamlet aggustament tad-dikjarazzjoni taghha dwar l-Input tax kif provdut fil-Hdax-il Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-istess nifs li d-decizjoni tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li *ex officio* jalloka l-ammonti pretizi bhala Input tax fil-perijodi ta' taxxa relattivi minghajr ma jidderiegi lis-socjetà Rikorrenti taghmel aggustament tad-denunzji taghha ai termini tal-Ligi, ma hijiex ragonevoli.

L-aggustament ta' denunzja tat-taxxa huwa regolat bl-Artikolu 28 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikolu tal-Ligi jipprovdi li: *(1) Bla hsara ghas-subartikolu (2), persuna registrata taht l-artikolu 10 li tkun ghamlet dikjarazzjoni mhux korretta f'denunzja mibghuta lill-Kummissarju ghal zmien ta' taxxa, tista tikkoregi d-dikjarazzjoni billi tibghat dik il-formola hekk kif il-Ministru jista' b'regolamenti jippreskrivi. Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 27(4) dwar denunzji tat-taxxa ghandhom jghoddu mutatis mutandis ghat-twassil ta' l-imsemmija formola. (2) Dikjarazzjoni mhux korretta f'denunzja ta' taxxa tista' tigi korretta bil-mezz ta' aggustament fid-denunzja tat-taxxa ta' wara minghajr il-htiega li tintbaghat il-formola kif mehtieg bis-subartikolu (1) sal-limiti permessi bi u bil-mod li ghalih tipprovdi l-Hdax-il Skeda, u meta korrezzjoni tkun hekk intaghmlet id-denunzja ta' taxxa m'ghandhiex titqies, dwar il-kwistjonijiet hekk korretti, li jkun fiha xi dikjarazzjonijiet bin-nieqes jew biz-zejjed ghall-ghanijiet ta' l-artikolu 37(2).*

Fil-kaz in ezami huwa evidenti li s-socjetà Rikorrenti ma ghamlet l-ebda talba ghall-korrezzjoni tad-denunzji ghall-perijodu ta' taxxa relattiv ghall-provvisti/akkwisti in kwistjoni u dana anke minhabba l-fatt li ma tressqet l-ebda prova fir-rigward. Waqt it-trattazzjoni orali s-socjetà Rikorrenti ssottomettiet li hija ma setghetx tuzufruwixxi mir-rimedju moghti fl-Artikolu 28(1) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex ma tezistix formola fir-rigward u ghalhekk ghandu jitqies li l-ammonti minnha mitluba bhala Input tax fid-

denunzja ta' taxxa taghha ghall-perijodu ta' taxxa 01.12.08-28.02.09 jaqghu taht ir-rimedju ta' l-aggustament kif provdut fil-Hdax-il Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta.

Hawnhekk it-Tribunal ma jistax ghajr li josserva li assolutament ma jaqbilx mas-sottomissjoni avvanzata mis-socjetà Rikorrenti.

Fl-ewwel lok jigi osservat li ghalkemm il-formola imsemmija fl-Artikolu 28 (1) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta ma tezistix – jew ghall-inqas ma kenitx tezisti fiz-zmien pertinenti ghal dawn il-proceduri[21] – ma kien hemm xejn x'jzomm lis-socjetà Rikorrenti milli titkeb lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u titlob l-aggustament mehtieg, liema talba zgur ma setghetx tigi injorata (u hawn it-Tribunal appozitament mhux qed juza l-kelma accettata ghaliex imbaghad kull kaz ikun irid jigi ikkunsidrat skond il-meriti tieghu) mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghaliex mhux maghmula bil-formola preskritta, meta tali formola ma tezistix!

Fit-tieni lok is-socjetà Rikorrenti ma tistax tippretendi li t-Tribunal jaccetta l-affermazzjoni taghha li hija uzufruwiet mir-rimedju ta' l-aggustament provdut fil-Hdax-il Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta minghajr ebda prova li dana fil-fatt kien il-kaz. Kif già iktar 'l fuq osservat, ir-rimedju ta' l-aggustament ma huwiex rimedju awtomatiku w astratt izda huwa rimedju ben definit u li ghandu parametri ben definiti entro liema jista' jigi ezercitat. Jigi ribadit li a tenur l-Artikolu 4(1) u (2) tal-Hdax-il Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta aggustament kif hemm provdut jista' jsir biss jekk: (a) id-dikjarazzjoni ta' kreditu ta' Input tax biz-zejjed jew bin-nieqes ma jkunx iktar minn 5% tal-kreditu ta' Input tax dikjarat fid-denunzja; u (b) it-talba trid issir entro terminu statutorju ta' sitt xhur minn meta jintemm iz-zmien ta' taxxa li ghalih ikun jirreferi l-izball.

Ladarba s-socjetà Rikorrenti donnha tikkontendi li l-aggustament sar fid-denunzja tat-taxxa taghha ghall-perijodu ta' taxxa 01.12.08-28.02.09, isegwi li kellha dikjarazzjoni **bin-nieqes** ta' Input tax fid-denunzja ta' taxxa li fiha kienu jaqghu l-akkwist u l-provvista minghand Burmarrad Commercials u G&M Zahra.

Mill-fatturi ta' taxxa sottomessi lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, esebiti bhala Dok. "RS1" sa' Dok. "RS3" a fol. 41 sa' 43 tal-process, jirrizulta li l-fattura ta' taxxa mahruga minn Burmarrad Commercials iggib id-data 26.09.08 filwaqt li z-zewg fatturi ta' taxxa mahruga minn G&M Zahra jgibu id-data 21 ta' Ottubru 2008. B'hekk il-Input tax relattiva ghal dawn l-akkwist u provvista rispettivament suppost giet mitluba mis-socjetà Rikorrenti fid-denunzja tat-taxxa taghha ghall-perijodu ta' taxxa 01.09.08-30.11.2008, dikjarazzjoni li però jirrizulta li ma saritx. Biex id-dikjarazzjoni ta' l-Input tax relattiva ghal dawn il-fatturi ta' taxxa maghmula fid-denunzja tat-taxxa tas-

[21] B'effett mill-1 ta' Mejju 2016 il-kwistjoni ser tkun regolarizzata bis-sahha ta' l-Avviz Legali 128 ta' l-2016.

socjetà Rikorrenti ghall-perijodu ta' taxxa 01.12.08-28.02.09 titqies bhala aggustament tad-denunzja tat-taxxa tal-perijodu 01.09.08-30.11.08, kif issa pretiz mis-socjetà Rikorrenti, l-istess socjetà kellha l-oneru li tipprova li r-rekwiziti stipulati fl-Artikolu 4(1) u (2) tal-Hdax-il Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta effettivament jissussistu u jinsabu sodisfatti.

Dwar dak li jirrigwarda t-terminu ta' sitt xhur ftit li xejn hemm x'jinghad in kwantu kjarament tali terminu ma kienx iddekorra izda, ma hemm l-ebda prova – anzi tirrizulta biss il-prova kuntrarja mix-xhieda ta' Chris Spiteri – li l-ammont ta' Input tax dikjarat bin-nieqes fil-perijodu ta' taxxa 01.09.08-30.11.08 ma jeccedix 5% tal-kreditu ta' Input tax dikajrata mis-socjetà Rikorrenti fid-denunzja tat-taxxa taghha ghall-perijodu ta' taxxa 01.09.08-30.11.08.

Ladarba fix-xhieda li ta waqt is-seduta tal-11 ta' Dicembru 2012[22], Chris Spiteri iddikjara li l-aggustament kellu jsir *ex officio* mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghaliex *f'dan il-kaz, hemm kaz wiehed li qabez is-sitt xhur, jekk nirreferi bl-isem hu Cassar Ship Repair, l-invoice kienet ghal Cassar Ship Repair u kellna tlett invoices ohra li jaqbzu l-hamsa fil-mija*, kien jinkombi fuq is-socjetà Rikorrenti li turi li ma kienx hemm l-eccess ta' 5% kif pretiz mid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Tali prova però ghal xi raguni ma saritx in kwantu s-socjetà Rikorrenti illimitat ruhha li tesebixxi d-denunzja tat-taxxa taghha ghall-perijodu ta' taxxa 01.12.08-28.02.09, li huwa l-perijodu ta' taxxa in kwistjoni, u mhux ukoll id-denunzja tat-taxxa ghall-perijodu ta' taxxa 01.09.08-30.11.08 li fih suppost giet dikjarata l-Input tax in kwistjoni.

Mix-xhieda ta' Chris Spiteri hawn appena citata jirrizulta wkoll li l-fattura ta' taxxa ta' Cassar Ship Repair kienet datata oltre s-sitt xhur qabel il-perijodu ta' taxxa in kwistjoni, ossia l-perijodu ta' taxxa 01.12.08-28.02.09, fatt dan li effettivament jirrizulta kkonfermat mill-fattura ta' taxxa nnifisha esebita bhala Dok. "DS3" a fol. 50 tal-process, in kwantu ggib id-data 15 ta' Novembru 2007. B'hekk fir-rigward ta' dan l-ammont partikolari, ossia €791.61, zgur ma jistax jinghad li gie dikjarat mis-socjetà Rikorrenti fid-denunzja ta' taxxa taghha ghall-perijodu ta' taxxa 01.12.08-28.02.09 bis-sahha tal-provvedimenti tal-Hdax-il Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fic-cirkostanzi ghalhekk u ladarba ma jirrizultax li jissussistu l-estremi biex isir aggustament mis-socjetà Rikorrenti a tenur tal-Hdax-il Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal iqis li l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud gustament u ragonevolment ghazel li jaghmel aggustament *ex officio* ta' l-ammonti reklamati mis-socjetà Rikorrenti bhala Input tax fid-denunzja tat-taxxa taghha ghall-perijodu ta' taxxa 01.12.08-28.02.09 u dana billi ai termini ta' l-Artikolu 22(3)(a) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta l-kreditu ghal Input tax ta' zmien ta' taxxa ta' persuna registrata taht l-Artikolu 10 tal-

[22] Fol. 58 sa' 63 tal-process.

Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta huwa ammont li jkun daqsinsew ghall-Input tax ta' dik il-persuna li jkollu jithallas matul dak iz-zmien li huwa attriwibbli ghall-provvisti maghmula jew mahsuba li ghandhom jintghamlu minnha, li ghalihom japplika is-subartikolu (4) ta' l-imsemmi Artikolu. Proprio fid-dawl ta' dan il-provvediment tal-Ligi jirrizulta li ghall-perijodu ta' taxxa 01.12.08-28.02.09 is-socjetà Rikorrenti ghamlet dikjarazzjoni biz-zejjed ta' Input tax u ghaldaqstant il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, fic-cirkostanzi, ma kellux alternattiva ohra ghajr li japplika dak provdut fl-Artikolu 37(1) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta u jimponi penali amministrattiva fl-ammont ta' €4,039.70 fuq is-socjetà Rikorrenti (ghal kull buon fini jigi osservat li fil-kalkolu ta' din is-somma hemm inkluza wkoll l-Input tax fl-ammont ta' €154.84 relattiva ghal Eric Abela li baqa' qatt ma gie debitament ippruvat mis-socjetà Rikorrenti).

Is-socjetà Rikorrenti in fine tikkontendi li l-penali amministrattiva imposta fuqha hija sproporzjonata in kwantu ggenerata b'kalkolu mekkaniku, liema metodu ta' generazzjoni ta' penali amministrattiva ma huwiex sanzjonat mill-Qorti Ewropea tal-Gustizzja. It-Tribunal però jqis li fir-rigward ta' din is-sottomissjoni partikolari tas-socjetà Rikorrenti hemm problema fondamentali u cioè li b'din l-istess sottomissjoni s-socjetà Rikorrenti effettivament qed izzid il-kawzali originali taghha.

Mir-Rikors promotur johrog ferm car li s-socjetà Rikorrenti tibbaza t-talba taghha ghar-revoka tal-penali amministrattiva fl-ammont ta' €4,039.70 imposta fuqha, fuq il-premessa li kuntrarjament ghal dak pretiz mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud hija ma ghamlet l-ebda dikjarazzjoni biz-zejjed ta' Input tax ghall-perijodu ta' taxxa 01.12.08-28.02.09. Issa però – senjatament waqt it-trattazzjoni orali – is-socjetà Rikorrenti tippretendi li t-Tribunal jippronunzja ruhu fuq il-proporzjonalità u b'hekk validità legali ta' l-Artikolu 37(1) tal-406 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq liema l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ibbaza d-decizjoni tieghu fil-konfront taghha. Huwa evidenti li s-socjetà Rikorrenti qed izzid kawzali ohra fuq liema hija bbazata t-talba taghha ghar-revoka tal-penali amministrattiva in kwistjoni, zieda din li ma tistax tigi rikonoxxuta u wisq inqas ikkunsidrata mit-Tribunal ghar-raguni li ma saret l-ebda talba formali fir-rigward izda semplicement zdiedet tali kawzali waqt it-trattazzjoni orali fl-ahhar tal-proceduri odjerni.

Fic-cirkostanzi ghalhekk it-Tribunal iqis li ma ghandux jidhol fi u jikkunsidra ulterjorment din l-ahhar sottomissjoni sollevata mis-socjetà Rikorrenti.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk it-Tribunal iqis li fil-kaz in ezami ma tissussisti ebda raguni valida in bazi ghal liema l-penali amministrattiva fl-ammont ta' €4,039.70 imposta fuq is-socjetà Rikorrenti mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghandha tigi revokata.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal, filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ghall-korrezzjoni fl-okkju tal-kawza u kull fejn mehtieg fl-atti tal-proceduri, jichad it-talba tas-socjetà Rikorrenti ghar-revoka tal-penali amministrattiva fl-ammont ta' €4,039.70 imposta fuqha mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, minnha avvanzata bir-Rikors ipprezentat fit-6 ta' Gunju 2011.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mis-socjetà Rikorrenti.

A tenur ta' l-Artikolu 5(3) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lis-socjetà Rikorrenti u lill-Kummissarju tat-Taxxi.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**